22001D0100

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 100/2001

tat-13 ta' Lulju 2001

li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 84/2000 tat-2 ta' Ottubru 2000 ([1]).

(2) L-Istati ta' l-EFTA taż-ŻEE bħallissa qegħdin jipparteċipaw f'diversi programmi fil-qasam tas-saħħa pubblika li sejrin jiskadu fis-snin 2000 u 2001, filwaqt li d-daħla fis-seħħ tal-programm tal-Komunità Ewropea li jssewgwi wara dawn il-programmi hija inċerta.

(3) Huwa xieraq illi tiġi estża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim sabiex tinkludi d-Deċiżjoni Nru 521/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 li testendi ċerti programmi ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa pubblika adottati bid-Deċiżjonijiet Nru 645/96/KE, Nru 646/96/KE, Nru 647/96/KE, Nru 102/97/KE, Nru 1400/97/KE u Nru 1296/1999/KE u li temenda dawk id-Deċiżjonijiet ([2]).

(4) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jippermetti li sseħħ din il-kooperazzjoni estiża, fir-rigward tad-Deċiżjonijiet Nru 645/96/KE ([3]), Nru 646/96/KE ([4]), Nru 647/96/KE ([5]) u Nru 102/97/KE ([6])minn Jannar 2001 u fir-rigward tad-Deċiżjonijiet Nru 1400/97/KE ([7]) u Nru 1296/1999/KE ([8])minn Jannar 2002 u, fil-każijiet kollha, sal-31 ta' Diċembru 2002,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 16(1) tal-Protkoll 31 għall-Ftehim, li ġej għandu jiġi miżjud fl-inċiżi 1,2,3,4,5 u 8:

", kif emendat bi:

– **32001 D 0521**: Id-Deċiżjoni Nru 521/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 li testendi ċerti programmi ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa pubblika adottati bid-Deċiżjonijiet Nru 645/96/KE, Nru 646/96/KE, Nru 647/96/KE, Nru 102/97/KE, Nru 1400/97/KE u Nru 1296/1999/KE u li temenda dawk id-Deċiżjonijiet (ĠU L 79, tas-17.3.2001, p. 1)."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-14 ta' Lulju 2001, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2001.

([1]) ĠU L 315, ta' l-14.12.2000, p. 30.
([2]) ĠU L 79, tas-17.3.2001, p. 1.
([3]) ĠU L 95, tas-16.4.1996, p. 1.
([4]) ĠU L 95, tas-16.4.1996, p. 9.
([5]) ĠU L 95, tas-16.4.1996, p. 16.
([6]) ĠU L 19, tat-22.1.1997, p. 25.
([7]) ĠU L 193, tat-22.7.1997, p. 1.
([8]) ĠU L 155, tat-22.6.1999, p. 7.
(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Lulju 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

E. BULL